# Il-Knisja ta' Santa Marija f'Ħal Tarxien

*minn Mario Fenech*

Waħda mill-knejjes filjali li hemm fil-limiti tal-parroċċa ta' Ħal Tarxien hija dik iddedikata lil Marija Assunta. Din il-knisja hija magħrufa bħala Tar-Rokna minħabba l-fatt li din qiegħda fit-tarf tat-triq u mdaħħla xi ftit 'il ġewwa mill-bini li hemm biswitha.

Din hija waħda mill-aktar qodma li hemm f'dan ir-raħal ta' Ħal Tarxien. Ġiet mibnija minn ċerta Duminka fis-sena 1415 fi żmien l-Isqof Antonio di Platamone, ftit wara l-mewt tar-raġel tagħha Gentile Azzopardi.

Il-benefattriċi Duminka Azzopardi kienet ħalliet ukoll xi legati biex din il-knisja tkun tista' tinżamm fi stat tajjeb matul is-snin. Dan nafuh mill-kitba tar-rapport tal-visti pastorali li kienu għamlu fir-raħal il-Mons. Duzzina u l-Isqof Cagliares fl-1519.

Waqt l-Assedju l-Kbir fl-1565, il-knisja kienet ġiet attakkata mit-Torok li għamlu ħerba sħiħa minn dak kollu li kienu sabu fiha. Ġiet mibnija mill-ġdid lejn is-sena 1668, bit-tħabrik tal-Kappillan Dun Ġann Maria Barbara. Tkabbret bil-ħidma tal-Kappillan Dun Ġakbu Murga li kien kappillan ta' Ħal Tarxien bejn is-sena 1704 u l-1711. Kien ħareġ somma flus għal dan ix-xogħol l-Isqof Davide Cocco Palmieri flimkien ma' ġbir ieħor li kien sar fost in-nies tar-raħal.

Matul is-snin, il-knisja bdiet tiġi mżejna b'diversi opri sagri sbieħ, fost dawn wieħed isemmi l-kwadru titulari tal-Assunta, xogħol tal-Artist Rocco Buhagiar fis-sena 1771.

Is-saqaf tal-knisja huwa ffurmat minn koppla li fuqha għandha lanterna żgħira li tagħti d-dawl lill-knisja minn ġewwa. Il-koppla ġiet mibnija bejn is-sena 1729 u s-sena 1737.

Il-faċċata tal-knisja li hija magħluqa b'kanċell u bi grada tal-ħadid, għandha bieb wieħed li wkoll għandu l-kanċell tal-ħadid biex meta l-knisja tkun magħluqa wieħed ikun jista' jara ġewwa minn wara l-ħadid. Il-bini ta' din il-faċċata kien sar fis-sena 1909, meta l-Prokuratur tal-Knisja kien Dun Franġisk Penza.

Fuq il-fontispizju fin-nofs bejn iż-żewġ kampnari hemm statwa tal-ġebel mill-isbaħ tal-Assunta fuq pedestall bl-isem tal-Madonna mnaqqax fuqu. Din l-istatwa tnaqqxet mill-Iskultur Żejtuni Francesco Faure mlaqqam 'il-Franċù.



Il-kampnari huma xogħol fil-minjatura ta' dawk li hemm fuq il-faċċata tal-Knisja Arcipretali ta' San Pubilju fil-Furjana. Fihom hemm sett ta' qniepen żgħar.

Il-knisja tintrama sew waqt ix-xahar t'Awwissu meta tkun qiegħda ssir il-Festa tal-Assunta.

Knisja ħelwa bi storja twila ta' devozzjoni, xhieda ta' kemm għandu mħabba l-poplu Malti lejn Marija Assunta.

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD.



*Faċċata tal-Knisja Santu Ranju "Tar-Rokna" Ħal Tarxien*